

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Sib Professjonist Legali](#) > [Tipi Ta' Professjonijiet Legali](#) > [Latvia](#)

Tipi ta' professjonijiet legali

Il-kontenut ipprovdut
minn
Latvja

Latvja

Din it-taqsimha tagħtik ħarsa ġenerali tad-diversi professjonijiet legali fil-Latvja.

Prosekuturi

Organizzazzjoni

L-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni tar-Repubblika tal-Latvja (Prokuratūra) huwa awtorità ġudizzjarja unifikata, ċentralizzata u maqsuma fi tliet livelli. L-Uffiċċju jitmexxa mill-Prosekutur Ġenerali (ġenerālprokurors). L-għan tiegħu huwa li jieħu miżuri kontra l-ksur tal-liġi u jiżgura illi l-kawżi relatati ma' tali ksur jiġu deċiżi f'konformità mal-proċedura prevista mil-liġi. L-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni jinkludi istituzzjonijiet fil-livelli li ġejjin:

1. L-uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali (Ġenerālprokuratūra);
2. L-uffiċċji tal-prosekuzzjoni tar-reġjuni ġudizzjarji (tiesu apgabalu prokuratūras);
3. L-uffiċċji tal-prosekuzzjoni distrettwali jew tal-ibliet (rajonu [republikas pilsētu] prokuratūras);
4. L-uffiċċji speċjalizzati tal-prosekuzzjoni (specializētās prokuratūras).

Fejn ikun meħtieġ, il-Prosekutur Ġenerali jista' jwaqqaf uffiċċju tal-prosekuzzjoni settorjali speċjalizzat li jkollu l-istess status ta' uffiċċju tal-prosekuzzjoni distrettwali jew reġjonali. Bħalissa hemm ħames uffiċċji speċjalizzati tal-prosekuzzjoni fil-Latvja:

1. uffiċċju speċjalizzat tal-prosekuzzjoni għall-kriminalità organizzata u oqsma oħra,
2. uffiċċju speċjalizzat tal-prosekuzzjoni multisettorjali,
3. uffiċċju tal-prosekuzzjoni għat-trasport bit-triq ta' Riga,
4. uffiċċju tal-prosekuzzjoni għall-investigazzjoni tar-reati finanzjarji u ekonomiċi,
5. uffiċċju tal-prosekuzzjoni għall-investigazzjoni ta' reati li jinvolvu ċ-ċirkolazzjoni illegali tad-drogi.

L-Uffiċċju tal-Prosekutur-Ġenerali jista' jissorvelja wkoll ix-xogħol tal-korpi pubbliċi li, għalkemm ma jwettqux funzjonijiet ta' prosekuzzjoni, xorta jgħinu fl-implimentazzjoni ta' ċerti kompiti fil-proċedimenti kriminali li jaqgħu fil-kompetenza tagħha. Dawn il-korpi jiġu mwaqqfa, riorganizzati u xolti mill-Prosekutur Ġenerali. Il-Prosekutur Ġenerali jieħu wkoll deċiżjonijiet dwar l-istruttura u n-numru ta' persunal ta' dawn il-korpi f'konformità mar-riżorsi allokatu mill-Baġit tal-Istat. S'issa twaqqaf biss korp wieħed ta' din ix-xorti, jiġifieri s-[Servizz ta' Kontra l-Ħasil tal-Flus](#).

L-Uffiċċji tal-Prosekuzzjoni huma parti mis-sistema tal-qrati; dan ifisser illi huma joperaw indipendentement mill-fergħa leġiżlattiva u dik eżekuttiva. Is-Saeima (il-Parlament Latvjan), il-Kabinett tal-Ministri u l-President jistgħu jaħtru uffiċċju tal-prosekuzzjoni biex jivverifika l-fatti marbuta mal-ksur u jitolbu spjegazzjonijiet mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali. Madankollu ma jistgħux jintervjenu fix-xogħol tal-uffiċċju tal-prosekuzzjoni konċernat, anke jekk ikun qed jinvestiga ksur ta' importanza kbira nazzjonali.

Il-prosekuturi jistgħu jippreżentaw oġġezzjonijiet kontra l-leġiżlazzjoni adottata mill-Kabinett u l-awtoritajiet pubbliċi li ma tkunx skont il-liġi. Il-Prosekutur Ġenerali u l-Kapijiet Prosekuturi tad-dipartimenti tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali jistgħu jattendu għal-laqqgħat tal-Kabinett u jagħtu l-opinjoni tagħhom fuq il-kwistjonijiet li jkun qad jidiskussi.

Rwol u dmirijiet

Id-dmirijiet tal-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni f'investigazzjoni ta' qabel il-proċess jinsabu fl-Artikolu 2 tal-[Liġi dwar l-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni](#).

L-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni:

1. jissorvelja l-ħidma operazzjonali fuq il-post tal-awtoritajiet ta' investigazzjoni u korpi oħra;
2. jorganizza, imexxi u jwettaq l-investigazzjonijiet ta' qabel il-proċess u jagħti struzzjonijiet lill-awtoritajiet ta' investigazzjoni dwar kif għandhom imexxu l-investigazzjonijiet kriminali;
3. jibda u jwettaq il-prosekuzzjonijiet kriminali;
4. iħares id-drittijiet u l-interessi leġittimi tal-individwi u tal-Istat;
5. f'każijiet previsti mil-liġi, jissottometti dokument li bih jinbdew il-proċedimenti jew rikors fil-qorti.

F'konformità mal-Artikolu 36(1) tal-[Liġi dwar il-proċedura kriminali](#), fi proċedimenti kriminali, prosekutur għandu jwettaq funzjonijiet relatati mas-superviżjoni tal-investigazzjoni, l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni kriminali, jappoġġa prosekuzzjoni mill-Istat u funzjonijiet oħra.

Prosekutur ta' superviżjoni

Il-prosekutur ta' superviżjoni jissorvelja l-investigazzjoni ta' każ kriminali partikolari u jista':

1. jiċċad id-deċiżjonijiet ta' uffiċjal li jkun qed imexxi l-proċedimenti jew ta' membri ta' tim ta' investigazzjoni;
2. jitlob illi s-superjur immedjat ta' investigatur jissostitwixxi lill-uffiċjal li jkun qed imexxi l-proċedimenti jew jagħmel tibdil fil-kompożizzjoni tat-tim ta' investigazzjoni f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-istruzzjonijiet jew ksur ta' proċedura li tista' xxekkel il-progress tal-proċedimenti kriminali;
3. jikkunsidra lmenti dwar l-azzjonijiet jew id-deċiżjonijiet ta' uffiċċji li jkunu qed imexxu proċedimenti jew ta' membri ta' tim ta' investigazzjoni, ta' superjur immedjat ta' investigatur jew ta' persuna bi dmirijiet marbuta mal-proċedimenti;
4. jieħu deċiżjonijiet dwar il-bidu ta' proċedimenti kriminali jew ir-rinviju lil awtorità oħra tal-investigazzjoni;
5. jieħu azzjonijiet proċedurali wara li jkun innotifika dwar dan lill-uffiċjal li jkun qed iwettaq il-proċedimenti.

Uffiċjal li jmexxi l-proċedimenti

Il-prosekutur ta' superviżjoni (jew prosekutur ieħor, fuq struzzjonijiet ta' prosekutur anzjan) jista' jsir l-uffiċjal li jmexxi l-proċedimenti (*procesa virzītājs*). Dan jinvolvi li jieħu f'idejh it-tmexxija tal-proċedimenti kriminali u t-teħid ta' deċiżjoni dwar jekk tinbediex il-prosekuzzjoni kriminali. F'ċirkustanzi eċċezzjonali, il-Prosekutur Ġenerali, id-Dipartiment tal-Liġi Kriminali tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali jew il-Prosekutur Ewlieni ta' qorti ġudizzjarja jista' jaħtar prosekutur pubbliku biex imexxi l-proċeduri fl-istadju tal-investigazzjoni.

Fil-kapaċità ta' uffiċjal li jkun qed imexxi l-proċedimenti, il-prosekutur jista':

1. jasal għal ftehim mal-akkużat rigward ammissjoni ta' ħtija;
2. jieħu deċiżjoni dwar ir-rinviju ta' kawża kriminali lil-qorti;
3. jissottometti kawża għad-deċiżjoni bi proċedura speċjali;
4. itemm il-proċedimenti kriminali meta jkun hemm ġustifikazzjoni leġittima biex jagħmel dan.

L-uffiċjal li jmexxi l-proċedimenti jista' jieħu kwalunkwe deċiżjoni proċedurali u jwettaq kwalunkwe azzjoni proċedurali, jew jirrinvjahom lil membru tat-tim ta' investigazzjoni jew lil persuna li twettaq dmirijiet proċedurali.

Prosekutur anzjan

F'konformità mal-proċedura stabbilita mil-liġi, prosekutur anzjan jivverifika jekk prosekutur pubbliku jkunx qed iwettaq id-dmirijiet li jkunu ġew fdati lillu u jiddeċiedi dwar ilmenti u twissijiet fir-rigward tad-deċiżjonijiet u l-miżuri tal-prosekutur ta' superviżjoni u l-prosekutur/uffiċjal li jmexxi l-proċedimenti. Prosekutur anzjan jista', pereżempju, jieħu deċiżjoni dwar proposta mill-prosekutur ta' superviżjoni biex jinbidel is-superjur immedjat tal-investigatur jew tal-korp investigattiv, jew dwar jekk iċ-ċaħda ta' akkuża hijiex ġustifikata u legali.

Il-prosekutur anzjan jista':

1. jiċħad id-deċiżjonijiet ta' investigatur, membru ta' grupp investigattiv jew prosekutur anqas anzjan;
2. jaħtar jew jissostitwixxi prosekutur ta' superviżjoni jew prosekutur/uffiċjal li jmexxi l-proċedimenti, jekk is-superviżjoni u l-prosekuzzjoni ma jkunux garantiti għalkollox, jew jieħu r-responsabbiltà fuqu stess;
3. jistabbilixxi grupp investigattiv jekk l-ammont ta' xogħol iqiegħed fil-periklu t-tlestija tal-proċedimenti kriminali fi żmien raġonevoli;
4. jitlob illi jinħatar superjur immedjat ieħor minflok l-investigatur, jew li l-investigazzjoni kriminali tiġi assenjata lil korp investigattiv differenti.

B'deċiżjoni tal-prosekutur anzjan, prosekutur jista' jiġi inkluż f'tim investigattiv; l-uffiċjal li jmexxi l-proċedimenti jista' jitlob illi l-prosekutur iwettaq aktar dmirijiet proċedurali.

Imħallfin

Organizzazzjoni

Il-bażi kostituzzjonali għall-ġudikatura huma l-Artikoli 82 sa 86 tal-[Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Latvja](#) (Latvijas konstitūcija), li jgħidu illi l-ġustizzja ssir biss mill-qrati. L-imħallfin huma indipendenti u huma responsabbli biss lejn il-liġi. Il-ġudikatura hija regolata mil-[Liġi dwar il-ġudikatura](#). Skont il-leġiżlazzjoni Latvjana, l-imħallfin huma impjegati taċ-ċivil.

L-awtoritajiet pubbliċi, l-organizzazzjonijiet soċjali u politiċi u persuni fiżiċi u oħrajn għandhom id-dmir li jirrispettaw u josservaw l-indipendenza tal-qrati u l-immunità tal-imħallfin. Ħadd ma għandu d-dritt jitlob lil imħallef biex jispjega jew jagħti rendikont ta' kif ittratta każ partikolari, jew li jintervjeni fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja, irrispettivament mir-raġuni għalfejn qed jistaqsi. L-imħallfin huma protetti mill-immunità ġudizzjarja meta jkunu qed jaqdu dmirijethom fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Il-kariga ta' mħallef hija inkompatibbli ma' affiljazzjoni ma' partit politiku jew kull organizzazzjoni politika oħra.

Rwol u dmirijiet

Huwa d-dmir tal-imħallfin li jamministraw il-ġustizzja f'kawżi ċivili, amministrattivi u kriminali f'konformità mal-liġi.

Fil-kawżi ċivili, l-imħallfin jisimgħu u jiddeċiedu kawżi marbuta mal-protezzjoni tad-drittijiet (ċivili, tax-xogħol, tal-familja, eċċ.) u l-interessi leġittimi tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi.

Fil-kawżi kriminali, l-imħallfin jisimgħu l-akkużi miġjuba kontra persuni u jiddeċiedu dwar il-merti tagħhom. L-imħallfin jistgħu jilliberaw persuni innoċenti jew isibu persuna haġta ta' reat kriminali u jimponu piena fuqha.

Fil-kawżi amministrattivi, l-imħallfin iwettqu stħarriġ ġudizzjarju dwar il-legalità tal-azzjonijiet tal-eżekuttiv (l-atti amministrattivi maħruġa mill-awtoritajiet jew azzjonijiet speċifiċi li jieħdu) u jittrattaw it-tilwim minħabba relazzjoni rregolata mil-liġi pubblika. L-imħallfin jikkjarifikaw ukoll id-drittijiet u l-obbligi legali tal-individwi privati skont il-liġi pubblika. Fil-kawżi ta' ksur tal-liġi amministrattiva, l-imħallfin jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi marbuta mal-ksur amministrattiv.

Id-dmirijiet professjonali tal-imħallfin ikopru d-dmirijiet kollha tal-imħallfin u l-qrati skont il-liġi proċedurali.

Bażijiet tad-data legali

Il-ġudikatura għandha l-portal tagħha stess, il-[Portal tal-Qrati Nazzjonali tal-Latvja](#), li bħalissa huwa disponibbli bil-Latvjan biss. Dan jagħti dettalji dwar is-sistema tal-qrati Latvjana, lista tal-qrati u l-imħallfin Latviani, statistika tal-qrati u deskrizzjoni qasira tal-proċeduri li japplikaw f'diversi proċedimenti tal-qorti, fejn tispjega l-karatteristiċi u d-differenzi prinċipali tagħhom, kif ukoll informazzjoni dwar kif għandhom jitressqu kawżi quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji.

Il-[portal tas-servizzi elettroniċi tal-qrati Latviani](#) min-naħa tiegħu jipprovdi aċċess għal deċiżjonijiet tal-qorti anonimizzati, ġurisprudenza, għall-iskeda tas-sessjonijiet tal-qorti u informazzjoni oħra. Id-dħul tan-numru ta' referenza ta' kawża jew ċitazzjoni fit-taqsimha "Tiesvedības gaita" [status tal-proċedimenti] jipprovdi informazzjoni dwar l-istatus eżatt tal-proċedimenti tal-kawża u juri liema qorti qed tisma' l-kawża u f'liema

istanza, skeda tas-seduti tal-qorti li ġejjin, deċiżjonijiet adottati, oġġezzjonijiet sottomessi u r-riżultat tal-proċedimenti legali.

Ir-rapporti tal-Qorti jiġu ppubblikati wkoll fis-sit web tal-[Uffiċċju tal-Qrati](#).

Tiġi ppubblikata wkoll informazzjoni dwar kwistjonijiet ta' politika reċenti marbuta mas-sistema tal-qrati fuq is-sit web tal-[Ministeru għall-Ġustizzja Latvjan](#). Il-portal huwa disponibbli wkoll bl-Ingliż.

L-informazzjoni elettronika dwar il-Qorti Suprema u l-attivitajiet tagħha hija disponibbli fis-sit web tal-[Qorti Suprema](#). Il-portal huwa disponibbli wkoll bl-Ingliż.

Avukati

Organizzazzjoni

L-avukati huma professjonisti legali indipendenti li jipprovdu assistenza legali, jiddefendu u jirrappreżentaw l-interessi leġittimi ta' individwi fil-qorti u fl-investigazzjoni ta' qabel il-proċess, jipprovdu pariri legali, ifasslu dokumenti legali u jwettqu dmirijiet legali oħra.

L-avukati huma membri tas-sistema ġudizzjarja li jressqu kawżi fi kwalunkwe qorti tal-liġi jew korp ta' investigazzjoni ta' qabel il-proċess fir-Repubblika tal-Latvja wara li jkunu ntgħażlu u nħatru mill-partijiet f'tilwima, minn konvenuti u minn partijiet interessati oħra (il-klijenti), kif ukoll fil-każijiet previsti mil-liġi f'isem il-Prim Imħallef ta' qorti, il-kap ta' korp ta' investigazzjoni ta' qabel il-proċess jew il-Kunsill Latvjan tal-Avukati Ġuramentati. L-avukati jipprovdu wkoll tipi oħrajn ta' assistenza legali f'konformità mal-proċedura prevista mil-liġi <http://www.likumi.lv/doc.php?id=59283>.

Fil-Latvja, dawn li ġejjin jistgħu jipprattikaw bħala avukati:

1. ċittadini Latviani;
2. ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li jkunu kkwalikaw biex jipprattikaw bħala avukati f'kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea (avukati ta' Stati Membri tal-UE);
3. avukati barranin (minbarra avukati tal-Istati Membri tal-UE) li jistgħu jipprattikaw fil-Latvja f'konformità ma' ftehimiet internazzjonali dwar l-assistenza legali li huma vinkolanti fuq il-Latvja.

L-avukati ġuramentati kollha huma membri indipendenti tal-professjoni legali li ngħaqdu flimkien fil-Kulleġġ Latvjan tal-Avukati Ġuramentati (*Latvijas Zvērinātu advokātu kolēģija*), li huwa korp nazzjonali professjonali indipendenti ta' avukati ġuramentati. Il-korpi li jiffurmaw il-Kulleġġ Latvjan tal-Avukati Ġuramentati huma l-assemblea ġenerali tal-Avukati Ġuramentati, il-Kunsill Latvjan tal-Avukati Ġuramentati, il-Kumitat tal-Awditjar u l-Kumitat tad-Dixxiplina.

Bażijiet tad-*data* legali

Informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-Kulleġġ Latvjan tal-Avukati Ġuramentati u tal-Kunsill Latvjan tal-Avukati Ġuramentati, dwar il-liġijiet u r-regolamenti, l-avukati u l-qrati li jipprattikaw quddiemhom (bid-dettalji ta' kuntatt), flimkien ma' dettalji ta' kwistjonijiet oħra dwar il-professjoni legali Latvjana, tinsab fuq is-sit web tal-[Kunsill Latvjan tal-Avukati Ġuramentati](#).

Nutara

Organizzazzjoni

Il-materji notarili taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji huma fdati lil nutara ġuramentati f'konformità mal-proċedura stabbilita mil-[Liġi dwar in-nutara](#). In-nutara ġuramentati huma membri tas-sistema ġudizzjarja li jaħdmu mal-qrati reġjonali u jwettqu d-dmirijiet definiti għalihom skont il-liġi. Fit-twettiq ta' dmirijiet, in-nutara ġuramentati huma ekwivalenti għal uffiċjali pubbliċi. Fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħhom, in-nutara ġuramentati jgawdu minn awtonomija finanzjarja, l-onorarji tagħhom jiġu stabbiliti mill-[Kabinett tal-Ministri](#).

Skont il-[Liġi dwar in-nutara](#), in-nutara ġuramentati huma awtorizzati:

1. ifasslu l-atti notarili;
2. ifasslu ċ-ċertifikati notarili;
3. iżommu flus, titoli u dokumenti;
4. iżommu oġġett suġġett għal obbligu;
5. jittrattaw kwistjonijiet ta' wirt;
6. ifasslu proposti għad-divorzju ta' proprjetà fil-każijiet previsti mil-liġi;
7. imexxu l-proċedimenti tad-divorzju (sakemm iż-żewġ konjuġi jkunu ftiehem bejniethom bil-miktub u ma jkunx hemm xi kwistjoni li għad trid tiġi deċiża);
8. iwettqu azzjonijiet oħra previsti fil-liġijiet.

Skont il-[Liġi dwar in-nutara](#), in-nutara ġuramentati jistgħu wkoll:

1. jindirizzaw il-konsolidazzjoni tad-drittijiet u l-iżgurar tad-drittijiet fir-reġistri tal-artijiet, u r-reġistrazzjoni tad-drittijiet, l-iżgurar tad-drittijiet u dettalji oħra fir-Reġistru tal-Artijiet tal-Istat u fir-reġistri miżmuma mir-Reġistru tal-Kumpaniji;
2. jiksbu mingħand istituzzjonijiet pubbliċi, muniċipali u privati, u mingħand uffiċjali u individwi privati, l-awtorizzazzjonijiet, iċ-ċertifikati u dokumenti oħra meħtieġa għall-konklużjoni jew l-awtentikazzjoni tal-atti li jkunu jridu jiġu ffirmati u ċertifikati minn nutar;
3. jipproduċu abbozzi ta' atti, kuntratti u dokumenti oħra relatati mal-attività ta' nutar ġuramentat, u jħejju kopji u traduzzjonijiet;
4. jipprovdu assistenza legali oħra;
5. jagħmlu medjazzjoni bħala medjaturi ċertifikat f'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fil-[Liġi dwar il-medjazzjoni](#).

In-nutara Latvjani ġuramentati kollha ngħaqdu flimkien fil-Kulleġġ Latvjan tan-Nutara Ġuramentati (*Latvijas Zvērinātu notāru kolēģija*), li huwa korp nazzjonali indipendenti ta' nutara ġuramentati. Il-[Kunsill Latvjan tan-Nutara Ġuramentati \(Latvijas Zvērinātu notāru padome\)](#) huwa l-korp rappreżentattiv u superviżorju għan-nutara ġuramentati u l-korp amministrattiv u eżekuttiv għall-Kulleġġ Latvjan tan-Nutara Ġuramentati. Id-dmirijiet tiegħu huma previsti fl-[Artikolu 230 tal-Liġi dwar in-Nutara](#).

Bażijiet tad-*data* legali

L-informazzjoni dwar l-attivitàjiet u n-numru ta' nutara ġuramentati, il-post fejn jipprattikaw u kwistjonijiet oħra marbuta mas-sistema Latvjana tan-nutara tinsab fis-sit web uffiċjali tan-[Nutara Latvjani](#).

Uffiċjali Ġudizzjarji ġuramentati

Organizzazzjoni

L-uffiċjali ġudizzjarji ġuramentati (*Zvērināti tiesu izpildītāji*) huma membri tas-sistema ġudizzjarja. L-uffiċjali ġudizzjarji ġuramentati jaħdmu fil-qrati reġjonali, jeżegwixxu d-deċiżjonijiet tal-ġudikatura u ta' korpi oħra u jwettqu attivitajiet previsti mil-liġi.

L-uffiċjali ġudizzjarji ġuramentati huma membri indipendenti tal-professjoni legali, iżda fit-tweqqif ta' dmirijiethom jiġu meqjusa ekwivalenti għal uffiċjali pubbliċi. Fil-qadi ta' dmirijiethom, l-uffiċjali ġudizzjarji ġuramentati huma indipendenti u responsabbli biss quddiem il-liġi. Ir-rikjesti magħmula u l-ordnijiet maħruġa mill-uffiċjali ġudizzjarji ġuramentati waqt il-qadi tad-dmirijiet professjonali tagħhom huma vinkolanti fuq il-partijiet kollha fit-territorju nazzjonali.

L-uffiċjali ġudizzjarji ġuramentati jwettqu dmirijiethom fil-ġurisdizzjoni territorjali tal-qorti reġjonali fejn jaħdmu. In-numru ta' uffiċjali ġudizzjarji ġuramentati, il-karigi tagħhom, il-qrati u l-oqsma ta' ġurisdizzjoni jiġu stabbiliti mill-Kabinett tal-Ministri.

Fit-tweqqif tad-dmirijiet tagħhom, l-uffiċjali ġudizzjarji ġuramentati japplikaw il-[Liġi dwar il-proċedura ċivili](#) u punti oħra ta' leġiżlazzjoni u jikkonformaw mal-metodi approvati mill-Kunsill Latvjan tal-Uffiċjali Ġudizzjarji Ġuramentati (li huwa l-korp rappreżentattiv u ta' superviżjoni għall-uffiċjali ġudizzjarji ġuramentati fil-Latvja) u t-tagħlimiet meħuda mill-ġurisprudenza.

Bażijiet tad-*data* legali

L-informazzjoni dwar fejn jinsabu l-uffiċċji tal-uffiċjali ġudizzjarji ġuramentati u d-dettalji tal-leġiżlazzjoni li tirregola l-professjoni tal-uffiċjali ġudizzjarji ġuramentati u l-attivitajiet tal-Kunsill Latvjan tal-Uffiċjali Ġudizzjarji Ġuramentati tinsab fuq is-[sit web tal-Kunsill Latvjan tal-Uffiċjali Ġudizzjarji Ġuramentati](#). Il-portal bħalissa huwa disponibbli bil-Latvjan biss.

Organizzazzjonijiet li jipprovdu l-għajjnuna legali *pro bono*

Ma hemmx lista ta' organizzazzjonijiet ta' dan it-tip fil-Latvja.

¶oloq

[L-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni](#)

[Is-Servizz ta' Kontra l-¶asil tal-Flus](#)

[Il-Portal tal-Qrati Nazzjonali tal-Latvja](#)

[L-Uffiċċju tal-Qrati](#)

[Il-Kunsill Latvjan tal-Avukati Ġuramentati](#)

[In-Nutara Latviani](#)

[Is-sit web tal-Kunsill Latvjan tal-Uffiċjali Ġudizzjarji Ġuramentati](#)

[Il-Ministeru għall-Ġustizzja tar-Repubblika tal-Latvja](#)

■ L-aħħar aġġornament: 27/05/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.